Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

Is-7 ta' Mejju , 1999

## ATT Nru. III ta' l-1999

*ATT biex jawtorizza li somma ta' mhux iżjed minn mitt miljun lira Maltija tinġabar b'self f'Malta sabiex tkopri nefqa ikbar mid-dħul fil-Fond Konsolidat matul is-sena 1998 u n-nefqa li hi mistennija sseħħ matul is-sena 1999.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: —

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1999 dwar Self Lokali. Titolu fil-qosor.

**2.** Għall-finijiet ta' dan l-Att, "dħul" għandha l-istess tifsir bħalma għandha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, iżda ma tinkludix dħul minn self lokali. Tifsir. Kap. 174.

**3.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta jista' jiġbor b'self f'Malta somma flus li ma tkunx iżjed minn mitt miljun lira Maltija. Awtorità li jinġabar self.

(2) Sabiex jinġabar is-self imsemmi, il-Ministru responsabbli għall-finanzi huwa b'dan awtorizzat li joħroġ *stock* f'Malta taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) b'dawk il-patti u kondizzjonijiet hekk kif l-imsemmi Ministru jista' japprova. Kap. 161.

Skop. **4.** Kull somma msellfa taħt l-awtorità ta' dan l-Att għandha tiġi approprjata u wżata biex tkopri nefqa ikbar mid-dħul li seħħet fil-Fond Konsolidat matul is-sena 1998, u n-nefqa li hemm maħsuba li sseħħ matul is-sena 1999:

Iżda kull ammont imsellef bis-saħħa ta' dan l-artikolu iktar mill-ammont attwalment meħtieġ għal dawk l-għanijiet u li jifdal bħala bilanċ fil-Fond Konsolidat fi tmiem is-sena 1999, għandu jintuża biex jagħmel tajjeb għan-nefqa ikbar mid-dħul fil-Fond Konsolidat matul l-ewwel sena li tiġi minnufih wara, u li fiha ssir dik in-nefqa akbar.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 85 tat-28 ta' April, 1999.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

7th May, 1999

## ACT No. III of 1999

*AN ACT to authorise that a sum not exceeding one hundred million Maltese liri be raised in Malta by way of loan for the purpose of meeting excess expenditure over revenue incurred in the Consolidated Fund during the year 1998 and that expected to be incurred during the year 1999.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Local Loan Act, 1999. Short title.

**2.** For the purposes of this Act, "revenue" has the same meaning as is assigned to it in section 2 of the Financial Administration and Audit Act, but does not include proceeds from local loans. Interpretation. Cap. 174.

**3.** (1) Subject to the provisions of this Act, the Government of Malta may raise in Malta, by way of loan, a sum of money not exceeding one hundred million Maltese liri. Authority to raise loan.

(2) For the purpose of raising the aforesaid loan the Minister responsible for finance is hereby authorised to issue stock in Malta under the provisions of the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance on such terms and conditions as the said Minister may approve. Cap. 161.

Purpose.

**4.** Any money borrowed under the authority of this Act shall be appropriated and applied for the purpose of meeting excess expenditure over revenue incurred in the Consolidated Fund during the year 1998, and that projected to be incurred during the year 1999:

Provided that any amount borrowed under this section in excess of the amount actually required for the said purposes and remaining as a balance in the Consolidated Fund at the end of 1999, shall be used to meet excess expenditure over revenue in the Consolidated Fund during the first subsequent year in which such excess is incurred.

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 85 of the 28th April, 1999.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives*